A.L. 18 ta' l-1991

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA

(KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1991 dwar Proċeduri rigward Liċenzi tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar Proċeduri rigward Liċenzi tal-Pulizija.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 1991.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, "liċenza" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.

Bord ta' Pariri dwar Liċenzi tal-Pulizija.

3. (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Pariri dwar Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "il-Bord", sabiex jagħti pariri lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-applikazzjonijiet kollha dwar l-għoti, tiġdid u trasferimenti ta' liċenzi.

(2) Il-Bord ikun kompost minn President u żewġ membri li jinħatru għal dak il-għan mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija għal żmien sena.

(3) Il-Bord jista' jisma x-xiehda bil-ġurament.

Il-Bord jisma wkoll lil persuna interessata.

4. Meta applikazzjoni għall-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenza tkun ġiet kontestata minn xi persuna oħra li jkollha interess, il-Bord għandu jżomm seduta sabiex jisma bil-ġurament kemm lill-applikant u lill-persuna li jkollha interess, flimkien ma' kull xhud li jista' jenħtieġ.

Pariri lill-Kummissarju tal-Pulizija.

5. (1) Il-Bord għandu jagħti il-parir tiegħu bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenza hekk kif jidhirlu xieraq, u jista' wkoll jagħti parir dwar it-tqegħid ta' kondizzjonijiet partikolari għal xi liċenza.

(2) Kopja ta' parir kif imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandha tingħata minnufih malli tintalab lil applikant jew lil persuna interessata fil-każ.

Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija.

6. (1) Għandu jkun hemm Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "it-Tribunal", sabiex jisma u jaqta' l-parir finali li għandu jingħata lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar id-deċiżjoni ta' qabel li l-istess Kummissarju jkun għamel dwar l-għoti, tiġdid, trasferiment jew taħsir ta' liċenzi.

(2) It-Tribunal ikun kompost minn President u żewġ assessuri li jinħatru għal dak il-għan mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija għal żmien sentejn.

(3) It-Tribunal jisma appelli preżentati minn kull —

(a) applikant li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li tirrifjutalu jew li tikkondizzjonalu l-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenza, jew li tħassarlu liċenza; u

(b) persuna interessata li tkun qabel ressqet l-ilmenti tagħha quddiem il-Bord skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u li tikkontesta l-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenza.

Il-Bord u t-Tribunal jirregolaw il-proċedura tagħhom.

7. Il-Bord ta' Pariri dwar Liċenzi tal-Pulizija u t-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija għandhom jirregolaw il-proċedura tagħhom stess.

Termini tal-appell.

8. Appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija moghtija wara li l-Bord ikun ta l-parir tiegħu skond ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, jista' jingieb quddiem it-Tribunal permezz ta' ittra indirizzata lill-President tiegħu fil-Headquarters tal-Pulizija, Floriana, fi żmien 21 jum minn notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija lill-applikant jew lil persuna interessata skond il-każ.